IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2019
COM(2019) 133 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## dwar l-Evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/369 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni

{SWD(2019) 97 final}

## Werrej


I. INTRODUZZJONI .......... 2

II. L-GĦAN U L-KAMP TA’ APPLIKAZZJONI TAL-EVALWAZZJONI .......... 3

III. SEJBIET EWLENIN .......... 4

IV. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ ’IL QUDDIEM .......... 8

## I. INTRODUZZJONI

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/369 tal-15 ta' Marzu 2016 dwar l-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza fl-Unjoni (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament"), daħal fis-seħħ mid-data tal-adozzjoni u kopra perjodu ta' tliet snin (2016-2019). Jindirizza l-isfidi umanitarji eċċezzjonali li jirriżultaw mill-pressjonijiet migratorji bħalissa fil-fruntieri esterni tal-Unjoni. Madankollu, appoġġ ta' emerġenza skont ir-Regolament jista' jingħata wkoll f'każ ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem sakemm l-iskala u l-impatt eċċezzjonali tad-diżastru jkunu tali li jikkawża konsegwenzi umanitarji serji fi Stat Membru wieħed jew aktar u biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-ebda strument ieħor disponibbli għall-Istati Membri u għall-Unjoni ma jkun biżżejjed. L-Istrument li nħoloq b'dan ir-Regolament huwa magħruf bħala l-"Istrument għall-Appoġġ ta' Emerġenza" (ESI - Emergency Support Instrument) tul dan id-dokument.

2. L-objettiv ġenerali tal-ESI huwa li jipprovdi appoġġ ta' emerġenza bbażat fuq il-ħtiġijiet immirat lejn il-preservazzjoni tal-ħajja, il-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana, u ż-żamma tad-dinjità tal-bniedem, li jikkumplimenta r-rispons tal-Istat(i) Membru(i) affettwat(i). Azzjonijiet ta' appoġġ ta' emerġenza ffinanzjati mill-ESI jistgħu jiġu implimentati mill-Kummissjoni jew mis-sħab umanitarji tal-UE, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi, servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri jew aġenziji jew aġenziji u organizzazzjonijiet internazzjonali li jkollhom l-għarfien espert meħtieġ, li kkonkludew Ftehim Qafas ta' Sħubija ("FPA") mal-Kummissjoni jew li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv ("FAFA").

3. S'issa, l-intervent wieħed iffinanzjat permezz tal-ESI kien dak fil-kuntest tal-kriżi tar-refuġjati li għaddejja bħalissa fil-Greċja, peress li kien l-uniku Stat Membru li ssodisfa kompletament il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà li r-Regolament jistabbilixxi. Ir-raġunament għall-attivazzjoni fil-Greċja kien relatat ma' fatturi differenti, inkluż l-għadd kbir ta' wasliet, l-għeluq tal-fruntieri tal-Balkani tal-Punent u l-fatt li l-Greċja nbidlet minn pajjiż ta' tranżitu għal pajjiż ospitanti, filwaqt li diġà kienet qed tippreżenta kapaċità nazzjonali insuffiċjenti biex tindirizza l-ħtiġijiet bażiċi ta' dawk li jkunu għadhom kif waslu. Barra minn hekk, ebda strument nazzjonali jew tal-UE ieħor ma kien kapaċi jipprovdi appoġġ ta' emerġenza fuq din l-iskala u veloċità.

4. Total ta' EUR 650 miljun[1] kien disponibbli bħala l-kontribut massimu tal-UE għall-għoti ta' appoġġ ta' emerġenza lill-Greċja għall-perjodu ta' attivazzjoni ta' tliet snin tal-ESI. Matul dan il-perjodu kollu, l-ipprogrammar tal-ESI ġie definit kull sena fil-Prijoritajiet Operazzjonali ta' Appoġġ ta' Emerġenza (ESOPs), li servew ta' gwida għall-organizzazzjonijiet umanitarji biex iħejju l-proposti tagħhom għal azzjonijiet li

[1] Kif stabbilit fid-Deċiżjonijiet ta' Finanzjament tal-ESI, fl-2016 u l-2017 total ta' 1 % tal-kontribuzzjoni massima totali ġie allokat kull sena għall-assistenza teknika tal-Kummissjoni, filwaqt li fl-2018 tali assistenza kienet tirrappreżenta 0,5 % tal-baġit.

għandhom jiġu implimentati fil-Greċja. B'kollox, l-ESI ffinanzja 29 azzjoni operazzjonali implimentati minn 18-il sieħeb umanitarju tal-Kummissjoni li jkopru l-oqsma li ġejjin: l-għoti ta' kenn, il-ġestjoni tas-sit, l-assistenza fi flus, id-distribuzzjoni ta' oġġetti mhux tal-ikel, il-ħarsien, l-edukazzjoni, l-għajnuna għall-ikel, is-servizzi tas-saħħa, inkluż l-appoġġ psikosoċjali. L-inizjattiva ewlenija tal-ESI, il-programm ta' Appoġġ ta' Emerġenza għall-Integrazzjoni u l-Akkomodazzjoni (ESTIA), ipprovdiet akkomodazzjoni lil aktar minn 50 000 persuna, kif ukoll karti tal-flus imħallsa minn qabel lil aktar minn 65 000 refuġjat u migrant. Bl-istess mod, l-azzjonijiet tal-ESI kkontribwew biex tinbena l-kapaċità ta' akkoljenza nazzjonali bil-ħolqien ta' madwar 35 000[2] post ta' akkomodazzjoni fil-kampijiet fuq il-peniżola.

## II. L-GĦAN U L-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-EVALWAZZJONI

5. L-Artikolu 8(2) tar-Regolament jipprovdi li l-Kummissjoni hija meħtieġa li tissottometti lill-Kunsill evalwazzjoni tal-operazzjoni tar-Regolament, flimkien ma' suġġerimenti għall-futur tar-Regolament u, fejn xieraq, proposti biex jiġi emendat jew itterminat, sa mhux aktar tard mis-17 ta' Marzu 2019.

6. Biex twettaq l-evalwazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni qagħdu wkoll fuq studju estern. Is-sejbiet tagħha, il-metodoloġija użata u t-tagħlimiet meħuda huma deskritti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

7. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jipprovdi valutazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-ESI, u b'hekk jeżamina l-punt sa fejn ir-Regolament huwa adattat għall-iskop, abbażi tal-esperjenza miksuba mill-operazzjonijiet li għaddejjin u dawk li tlestew. Għaldaqstant il-valutazzjoni għandha l-għan li tidentifika l-punti b'saħħithom u l-punti dgħajfa tal-qafas leġiżlattiv attwali u r-rispons operazzjonali. Barra minn hekk, abbażi tal-konklużjonijiet misluta mill-evidenza miġbura, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jipprovdi għadd ta' tagħlimiet meħuda fid-dawl ta' attivazzjoni futura potenzjali tal-istrument.

8. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni ssib li l-mistoqsijiet dwar id-disinn u r-riċerka tal-evalwazzjoni huma adegwati u bbażati fuq approċċ metodoloġiku sod. Madankollu hemm limitazzjonijiet. Dawn jikkonċernaw l-aktar iż-żmien meta ssir l-evalwazzjoni. L-ewwel nett, bosta azzjonijiet iffinanzjati mill-ESI kienu għadhom għaddejjin meta saret l-evalwazzjoni. Konsegwentement, in-nuqqas ta' disponibbiltà ta' xi rapporti finali kien limitazzjoni, flimkien man-nuqqas ta' *data* kwantitattiva, partikolarment biex jinforma l-kriterju tal-effiċjenza. It-tieni nett, kien ukoll kmieni wisq biex jiġi vvalutat it-trasferiment b'suċċess tal-azzjonijiet tal-ESI lill-awtoritajiet nazzjonali, u/jew l-implimentazzjoni ta' attivitajiet speċifiċi ma' sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE bħall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), inkluża l-Iskema ta' Għoti ta' Għajnuna ta' Emerġenza (EMAS) tiegħu.

[2] Uħud minn dawn il-postijiet kienu temporanji u minn dak iż-żmien għalqu.

9. Abbażi tal-elementi ta’ hawn fuq, dan ir-rapport jipprovdi għażliet għall-futur tar-Regolament tal-ESI.

## III. SEJBIET EWLENIN

10. Id-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal jippreżenta l-valutazzjoni tal-ħames kriterji obbligatorji stabbiliti fil-linji gwida tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar: (i) rilevanza, (ii), effettività, (iii) l-effiċjenza, (iv) koerenza, u (v) valur miżjud tal-UE. Ġie vvalutat ukoll kriterju addizzjonali (vi) dwar is-sostenibbiltà Is-sejbiet ewlenin huma miġbura fil-qosor fil-paragrafi ta’ hawn taħt.

11. L-intervent tal-ESI kien **rilevanti** biex jirrispondi għall-aspetti umanitarji tal-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati fl-UE. B’mod ġenerali, is-sejbiet li ġejjin enfasizzaw ir-rilevanza tar-Regolament:

- Ipprovda l-appoġġ tant meħtieġ għall-Istat Membru – u għalhekk lill-awtoritajiet nazzjonali tiegħu – biex jirrispondi malajr għall-iskala tal-ħtiġijiet umanitarji emerġenti li kienu qed jiffaċċjaw għadd mhux ħażin ta’ benefiċjarji;
- Id-direzzjoni tal-azzjonijiet tal-ESI direttament permezz tas-sħab umanitarji tal-UE ppermettiet li jiġi pprovdut u implimentat rispons rapidu u effettiv għall-kriżi;
- Il-flessibbiltà tal-qafas leġiżlattiv tal-ESI ppermettiet li r-rispons jevolvi u jadatta skont il-ħtiġijiet li dejjem jinbidlu fil-post, xi drabi fi żmien qasir ħafna.

12. Il-**koerenza** u l-komplementarjetà **mal-istrumenti disponibbli nazzjonali u tal-UE, kif ukoll il-koerenza mal-erba’ prinċipji umanitarji** tal-umanità, in-newtralità, l-indipendenza u l-imparzjalità, kienu **żgurati** matul l-attivazzjoni tal-ESI. L-Istrument ikkumplimenta l-azzjonijiet meħuda kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll taħt strumenti oħra tal-UE.  L-azzjonijiet tal-ESI tfasslu u ġew implimentati b’rispett sħiħ għall-prinċipji umanitarji. B’mod ġenerali, ma kien hemm l-ebda trikkib ma’ strumenti nazzjonali jew tal-UE oħrajn matul l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-ESI. Il-koerenza tal-Istrument ġiet riflessa fis-sejbiet li ġejjin:

- Il-*mekkaniżmu* ta’ koordinazzjoni stabbilit mill-Kummissjoni bejn is-servizzi differenti tagħha (jiġifieri s-Servizz ta’ Sostenn Strutturali (SRSS), id-DĠ HOME u d-DĠ ECHO), is-sħab umanitarji tagħha u l-awtoritajiet nazzjonali kien fattur ewlieni biex jiġi evitat it-trikkib u jiġu żgurati sinerġiji;
- Ir-*rwol* ta’ koordinazzjoni tal-Kummissjoni bejn l-atturi rilevanti kollha kif ukoll l-adozzjoni tal-Pjanijiet Finanzjarji mill-awtoritajiet Griegi, li servew bħala dokumenti strateġiċi għar-rispons, kienu kisba ewlenija li kkontribwiet b’mod pożittiv għall-koordinazzjoni tar-rispons tal-UE għall-kriżi tar-refuġjati u;
- Il-preżenza tal-Kummissjoni fuq il-post, il-monitoraġġ konsistenti tagħha tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fuq il-post, u l-għoti tal-għarfien espert

umanitarju speċifiku tagħha, ġew ivvalutati bħala fatturi partikolarment importanti biex jiġu żgurati l-koerenza u r-riżultati pożittivi.

13. B'mod ġenerali, l-ESI wera li huwa strument **effettiv** peress li l-azzjonijiet tiegħu laħqu l-objettivi billi indirizza l-ħtiġijiet umanitarji bażiċi u b'hekk jipprovdi rimedju rapidu lill-benefiċjarji fil-mira. Aktar importanti minn hekk, is-sitwazzjoni tar-refuġjati u tal-migranti tjiebet meta mqabbla mal-punt tat-tluq fl-2016. L-effettività tal-Istrument ġiet riflessa fis-sejbiet ewlenin li ġejjin:

   - L-azzjonijiet tal-ESI laħqu l-objettivi tagħhom, filwaqt li kkontribwixxew għall-preservazzjoni tal-ħajjiet, għall-prevenzjoni u t-taffija tat-tbatija umana, kif ukoll għat-titjib tad-dinjità tal-persuni affettwati;

   - Il-ħtiġijiet tal-benefiċjarji ġew indirizzati permezz ta' approċċ multisettorjali, bħall-għoti ta' akkomodazzjoni, it-trasferimenti ta' flus bi skop multiplu, l-ilma, is-sanità, is-servizzi tal-iġjene, is-saħħa, il-protezzjoni u l-edukazzjoni;

   - Il-metodu ta' ħidma tal-ESI (jiġifieri d-direzzjoni tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet permezz tas-sħab umanitarji stabbiliti tal-Kummissjoni) wera wkoll li kien effettiv biex jipprovdi rispons rapidu u flessibbli u;

   - Il-kooperazzjoni żviluppata mal-awtoritajiet lokali, bħall-muniċipalitajiet, kellha rwol ewlieni biex jintlaħqu l-objettivi prinċipali tal-inizjattiva ewlenija "Appoġġ ta' Emerġenza għall-Integrazzjoni u l-Akkomodazzjoni" (ESTIA).

   Filwaqt li ma kien hemm l-ebda ostaklu kbir għall-effettività tal-azzjonijiet tal-ESI fil-Greċja, xi sfidi kienu enfasizzati fil-bidu tal-kriżi. Pereżempju, fil-livell strateġiku , il-fattur ewlieni li jaffettwa l-effettività tal-azzjonijiet tal-ESI fi żmien l-attivazzjoni tiegħu kien il-fluss kostanti tal-migranti u r-refuġjati fil-Greċja. Barra minn hekk, l-awtoritajiet nazzjonali kienu f'diffikultà u inizjalment ma stabbilixxewx approċċ strateġiku nazzjonali definit sew għall-ġestjoni tal-kriżi tar-refuġjati u l-migrazzjoni. Ġew iffaċċjati wkoll sfidi ta' koordinazzjoni fl-istadju inizjali tal-attivazzjoni, prinċipalment bejn l-atturi rilevanti kollha (jiġifieri s-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u s-sħab umanitarji tal-Kummissjoni), madankollu din il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni kompliet tiġi żviluppata u mtejba matul l-intervent tal-ESI fil-Greċja. *Fil-livell operazzjonali,* l-isfidi kienu jikkonċernaw id-*data* li tvarja dwar l-għadd ta' benefiċjarji (jiġifieri l-għadd ta' rifuġjati u migranti li jaslu). Madankollu dan kien kontrobilanċjat mill-flessibbiltà tal-ESI li taddatta ruħha għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu, flimkien ma' monitoraġġ mill-qrib li sar mill-esperti tal-Kummissjoni fuq il-post. Iż-żewġ elementi kienu essenzjali biex jiżguraw li l-ħtiġijiet kienu koperti b'mod effettiv.

14. L-allokazzjoni tal-baġit tal-ESI, inklużi d-Deċiżjonijiet Finanzjarji annwali tagħha, kienet f'waqtha u rriflettiet il-ħtiġijiet immirati. B'mod ġenerali, l-**effiċjenza** tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-ESI kienet adegwata u mtejba matul il-perjodu ta' implimentazzjoni. Billi l-intervent tal-ESI fil-Greċja kien l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fi ħdan l-UE, ma jistax jitqabbel b'mod sħiħ mal-interventi tal-UE mwettqa

f'pajjiżi terzi minħabba l-kuntest u l-fatturi differenti involuti. Madankollu, il-paragun bejn l-intervent tal-ESI ma' interventi simili tal-UE f'pajjiżi terzi, bħall-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, u t-Turkija ssuġġerixxa li l-ispiża medja tal-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' appoġġ ta' emerġenza fil-Greċja b'mod ġenerali kienet aktar baxxa meta mqabbla ma' interventi simili. L-analiżi, madankollu, uriet ukoll livelli differenti ta' effiċjenza fis-setturi differenti. Pereżempju, instabet kosteffiċjenza għolja f'setturi bħas-servizzi tas-saħħa, l-assistenza għall-bżonnijiet bażiċi mogħtija permezz tat-trasferimenti b'diversi użi ta' flus kontanti u s-sigurtà tal-ikel u l-għajxien, filwaqt li setgħet tinkiseb aktar effiċjenza f'setturi bħal servizzi ta' protezzjoni u ta' akkomodazzjoni.

Filwaqt li ma kien hemm l-ebda ostaklu kbir biex tiġi żgurata r-razzjonalizzazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-ESI, il-kosteffettività kienet influwenzata mill-istess fatturi li influwenzaw l-effettività tal-azzjonijiet tal-ESI kif imsemmi qabel (pereżempju, kapaċità u koordinazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali mgħobbijin iżżejjed, eċċ.). B'mod aktar speċifiku, l-isfidi kienu assoċjati mal-infrastruttura u s-servizzi nazzjonali limitati biex jintlaqgħu u jiġu ssodisfati l-istandards ta' akkoljenza ta' għadd li jvarja ta' rifuġjati u migranti, kif ukoll tat-tixrid ta' kampijiet/siti fl-Istat Membru. Dawn l-isfidi affettwaw il-kosteffiċjenza tal-azzjonijiet tal-ESI b'mod partikolari fil-bidu tal-attivazzjoni, (pereżempju, fl-2016), minħabba l-kostijiet ogħla ta' appoġġ imġarrba biex jinbdew l-azzjonijiet kollha tal-ESI fil-Greċja (pereżempju, l-istabbiliment ta' kampijiet/siti għall-mira stabbilita ta' 35 000 post). Madankollu, is-sitwazzjoni tjiebet matul iż-żmien, anki bħala riżultat tal-miżuri ta' mitigazzjoni introdotti mill-Kummissjoni, li inkludew pereżempju:

- L-inkoraġġiment tas-sħab biex iżidu l-impjieg ta' persunal u voluntiera lokali (u jnaqqsu l-preżenza għolja ta' persunal espatrijat) u biex jistabbilixxu sħubijiet ma' NGOs lokali;
- L-inkoraġġiment tas-sħab umanitarji tal-Kummissjoni biex itejbu l-effiċjenza billi jadottaw ekonomiji ta' skala (pereżempju, jikkonsolidaw il-programmi differenti ta' trasferiment ta' flus kontanti implimentati inizjalment minn diversi sħab umanitarji, fi programm wieħed) u;
- Il-monitoraġġ strett min-naħa tal-Kummissjoni tal-azzjonijiet tal-ESI kkontribwixxa biex jagħti spinta lill-alternattivi kosteffettivi.

Dawn l-esperjenzi jistgħu jipprovdu informazzjoni utli għall-għan attwali li tiżdied il-kosteffettività f'operazzjonijiet ta' emerġenza.

15. L-intervent tal-ESI fil-Greċja pprovda **valur miżjud tal-UE** konkret bħala rispons għall-kriżi fl-Istat Membru affettwat, peress li indirizza l-ħtiġijiet umanitarji emerġenti li ma setgħux jiġu ssodisfati la mill-istrumenti nazzjonali u lanqas minn strumenti oħra tal-UE. L-erba' karatteristiċi ewlenin tal-ESI li ġejjin taw spinta lill-valur miżjud tal-UE tal-azzjonijiet tagħha:

- Ir-rispons veloċi għal azzjonijiet fuq skala kbira;
- Il-flessibbiltà tal-Istrument biex jadatta għall-ħtiġijiet li qed jevolvu;
- L-għarfien espert dwar l-azzjonijiet umanitarji tas-servizzi tal-Kummissjoni, il-preżenza tal-esperti tagħha fuq il-post, kif ukoll is-sħab umanitarji stabbiliti tagħha, u;
- Il-mobilizzazzjoni rapida ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) li ma setgħux jiġu ffinanzjati minn xi strument ieħor tal-UE.

Barra minn hekk, il-valur miżjud tal-UE kien jinkludi wkoll it-trasferiment tal-għarfien u l-"għarfien" li l-azzjonijiet tal-ESI pprovdew lill-organizzazzjonijiet lokali u lill-atturi nazzjonali b'riżultat tal-intervent tagħha. L-abbiltà tal-Kummissjoni li toħloq sħubijiet ma' atturi lokali tas-soċjetà ċivili bħala sħab ta' implimentazzjoni umanitarja pprovdiet valur miżjud ieħor, peress li ppermettiet li l-għarfien espert lokali tant meħtieġ jiġi integrat fir-rispons.

16. Minkejja li kien kmieni wisq biex tiġi vvalutata s-**sostenibbiltà** tal-azzjonijiet tal-ESI, minħabba li fiż-żmien meta r-Regolament ġie evalwat bosta azzjonijiet kienu għadhom għaddejjin, is-sejbiet deskritti fid-dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal xorta wrew li ttieħdu għadd ta' miżuri biex dan jiġi indirizzat:

    - Is-sħab umanitarji tal-Kummissjoni kollha qiesu s-sostenibbiltà fid-diżinn u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tagħhom u l-istrateġiji ta' sostenibbiltà u ta' ħruġ ġew riflessi wkoll fl-istrateġija ESOP tal-2018;
    - Il-finanzjament tal-UE għat-tkomplija tal-programmi ewlenin permezz ta' Strumenti oħra tal-UE ġie żgurat (ftehimiet ta' delega AMIF/EMAS għall-2019 ġew iffirmati mal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM) u l-Fond ta' Emerġenza tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal (UNICEF) fl-20 ta' Diċembru 2018);
    - Il-koordinazzjoni bejn l-atturi rilevanti kollha ġiet imsaħħa, jiġifieri s-servizzi tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali (inklużi l-muniċipalitajiet), is-sħab u l-organizzazzjonijiet lokali b'riżultat tal-azzjonijiet tal-ESI;
    - Trasferiment integrat tal-għarfien u l-bini tal-kapaċità ġie pprovdut kemm lill-organizzazzjonijiet lokali kif ukoll lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex ikunu jistgħu jitkomplew l-azzjonijiet u;
    - L-azzjonijiet addizzjonali ffinanzjati permezz ta' servizzi oħra tal-Kummissjoni, pereżempju mill-SRSS u d-DĠ HOME, biex isaħħu l-kapaċità nazzjonali tal-awtoritajiet, jikkomplementaw ukoll l-element ta' sostenibbiltà tal-azzjonijiet implimentati mill-ESI fil-Greċja.

## IV. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

17. Fid-dawl tas-sejbiet tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, il-valutazzjoni tiegħu kemm tal-evidenza kwalitattiva kif ukoll dik kwantitattiva disponibbli, kif ukoll l-esperjenza operattiva u t-tagħlimiet meħuda, il-konklużjoni ġenerali tal-Kummissjoni hija li l-attivazzjoni u l-intervent tal-ESI fil-Greċja kienu pożittivi u laħqu l-objettivi stabbiliti mir-Regolament. Jeħtieġ madankollu jiġi nnotat li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-ESI, u għaldaqstant l-evalwazzjoni tagħha, huma bbażati fuq l-attivazzjoni unika tal-ESI fil-Greċja. Għaldaqstant, huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-isfidi u r-rakkomandazzjonijiet li huma rilevanti għall-qafas legali u l-attivazzjoni tar-Regolament innifsu u dawk li huma rilevanti għall-operazzjonijiet implimentati fil-kuntest speċifiku tal-Greċja.

18. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-attivazzjoni tal-ESI ppermettiet li jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament billi jiġi żgurat li r-rispons umanitarju strutturat meħtieġ u l-infrastruttura jiġu stabbiliti biex jirrispondu għall-emerġenza ffaċċjata mill-Greċja. It-twaqqit tal-attivazzjoni kienet xierqa u ppermettiet li jinħoloq pont bejn l-emerġenza inizjali u r-rispons attwali aktar immirat. Il-kwalità tas-servizzi pprovduti kienet sodisfaċenti u s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet żgurat, permezz tat-trasferiment bla xkiel tal-azzjonijiet tal-ESI għal sorsi oħra ta' finanzjament. Il-Kummissjoni għaldaqstant tirrakkomanda li l-attivazzjoni attwali tal-ESI tasal fi tmiemha.

19. Fir-rigward tar-Regolament innifsu, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tar-Regolament tal-ESI, tirriżulta fi tliet għażliet possibbli:

    1) It-tħassir tar-Regolament 2016/369

L-intervent tal-ESI kien rilevanti, minħabba l-konsegwenzi umanitarji kbar li kellha quddiemha l-Greċja f'dak iż-żmien, sabiex tiġi indirizzata b'mod rapidu u effettiv sitwazzjoni ta' tali skala. Kemm il-metodu ta' ħidma u l-qafas legali tar-Regolament ippermettew reazzjoni flessibbli u rapida. Dan ġie implimentat permezz ta' servizzi esperjenzati tal-Kummissjoni u billi ġie mobilizzat l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet ta' sħab umanitarji. Is-sħab ikkollaboraw kemm mal-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mal-organizzazzjonijiet lokali, u min-naħa tagħhom ipprovdewlhom il-bini tal-kapaċità u t-trasferiment tal-għarfien biex itejbu s-sostenibbiltà tal-azzjonijiet.

Il-qafas leġiżlattiv tar-Regolament huwa għalhekk xieraq u flessibbli biżżejjed biex jappoġġja Stat Membru, li jkun qed jaffaċċja tipi ta' emerġenza simili (u li jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà), bħala espressjoni tal-bini tas-solidarjetà Ewropea fuq l-għarfien espert tal-Kummissjoni Ewropea, jekk u meta tali ħtieġa tista' tinqala'.

Għaldaqstant, it-tħassir tar-Regolament iċaħħad lill-UE minn strument li wera li huwa adattat għall-iskop fir-rispons għall-konsegwenzi umanitarji ta' kriżi ta' skala u impatt eċċezzjonali fl-UE, kif evidenzjat mid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal. Barra minn hekk, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-ESI diġà jillimita l-applikazzjoni tiegħu għal każijiet fejn il-kapaċità ta' Stat Membru tkun megħluba minn diżastru

naturali jew magħmul mill-bniedem u minn ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-ebda strument ieħor disponibbli għall-Istati Membri u għall-Unjoni ma jkun biżżejjed.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tirrakkomandax din l-azzjoni.

2) L-emenda tar-Regolament 2016/369

Il-Kummissjoni tqis li emenda tar-Regolament mhijiex meħtieġa. M'hemm l-ebda evidenza li tappoġġja emenda għall-qafas legali.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-ESI fil-kuntest speċifiku fil-Greċja, il-Kummissjoni tqis li l-isfidi identifikati matul din l-ewwel attivazzjoni tal-ESI - bħal pereżempju s-sitwazzjoni li qed tinbidel tal-ħtiġijiet fil-Greċja, flimkien mal-kapaċità u l-koordinazzjoni mgħobbijin iżżejjed tal-awtoritajiet nazzjonali, li influwenzat b'mod partikolari l-effettività u l-effiċjenza tal-azzjoni- huma fatturi "esterni". Mhumiex relatati direttament mal-qafas legali tal-ESI, iżda huma marbuta mal-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Istat Membru affettwat.

Barra minn hekk, jekk tinqala' l-ħtieġa ta' attivazzjoni futura, l-oqsma identifikati għal titjib jirreferu għal aspetti operazzjonali u mhux għall-qafas legali tal-Istrument, pereżempju: l-istabbiliment ta' strutturi ta' koordinazzjoni, kif ukoll l-immappjar bikri tal-kapaċità lokali fl-Istat(i) Membru(i) tal-UE kkonċernat(i) għall-involviment bikri potenzjali ta' organizzazzjonijiet lokali/nazzjonali. Għaldaqstant, għal kwalunkwe attivazzjoni futura potenzjali, it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu kkunsidrati meta jitfasslu l-azzjonijiet tal-ESI għall-ħtiġijiet u l-kuntest tal-Istat(i) Membru(i) kkonċernat(i) - mingħajr ma jkunu meħtieġa emendi legali għar-Regolament tal-ESI.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tirrakkomandax din l-azzjoni.

3) Iż-żamma tar-Regolament 2016/369

Minbarra l-punti mqajma hawn fuq taħt l-ewwel għażla, iż-żamma tar-Regolament, waqt li jinżamm fuq "stand-by" l-appoġġ ta' emerġenza tiegħu tipprovdi lill-UE b'għodda biex tappoġġja Stat Membru wieħed jew aktar fir-rispons għall-konsegwenzi umanitarji ta' kwalunkwe kriżi futura (mhux biss relatata mal-migrazzjoni) ta' skala eċċezzjonali fit-territorju tagħhom.

L-ESI huwa l-uniku strument imfassal biex jipprovdi rispons għal avvenimenti bi probabbiltà baxxa iżda b'impatt għoli fl-UE, jista' jiġi attivat malajr mill-Kunsill abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni u jikkumplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE fil-mandat tal-kompetenza nazzjonali tagħhom. B'mod ġenerali, l-ESI huwa espressjoni ta' solidarjetà Ewropea u juri liċ-ċittadini tal-UE l-valur miżjud tal-UE li jipproteġi lil dawk fil-bżonn.

L-għażla "stand-by" ma jkollha l-ebda implikazzjoni baġitarja, sakemm l-appoġġ ta' emerġenza ma jkunx attivat. Jenħtieġ li tinżamm nota *pour memoire* fil-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tirrakkomanda din l-azzjoni.

20. Filwaqt li ssegwi t-tagħlimiet meħuda u tibni fuq l-esperjenza sal-lum, il-Kummissjoni tilqa' l-feedback mingħand il-partijiet interessati, li se jkomplu jkunu l-ixprun ewlieni għal titjib fil-futur.